KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGĦA NUMRU 58**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ħamis, 26 ta' Jannar, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ħamis, 26 ta' Jannar, 2023, fl-16:40 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Il-Kunsillier Joseph Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Il-Kunsillier Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 58.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

58.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 58.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

58.2.1 *Laqgħa numru 55*

58.2.1.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 55 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsilliera approvaw dawn il-minuti unanimament.

58.2.2 *Laqgħa numru 56*

58.2.2.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 56 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsilliera approvaw dawn il-minuti unanimament.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

58.2.3 *Laqgħa numru 57*

58.2.3.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 55 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saru xi korrezzjonijiet imbgħad ġew approvati unanimament.

## 58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

58.3.1 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-*pickup truck* li ġie ordnat mill-Kunsill issa wasal, u diġa qed ikun ta differenza kbira. Il-ħaxix ħażin qed jinqata' jinġabar kull jum. Qed jintuża wkoll għal qadi ta' kull jum tal-Kunsill. Saret applikazzjoni biex ikun jista' jidħol il-Wasteserv. Il-Kunsilliera qablu li isir tiftix biex jinxtara sett *seat covers.*

58.3.2 Is-Sindku qal li kien hemm attendenza tajba għal Programm li tħejja għal Milied. L-ikla li ngħatajna f'jum il Milied mir-Regjun kienet ta kwalità tajba u tqassmet fi ftit ħin filgħodu. Ibbenifikaw minnha diversi familji. Il-ħarġa u tombla li saret mill-Kunsill għal Marsalforn kienet milqugħa tajjeb bħas soltu. It-Triq magħluqa kienet success kbir. Il-ħarġa għall-adolloxxenti kienet milqugħa tajjeb. Il-ħarġa Malta filgħaxija ukoll kienet tajba. Il-kotba tal-iskola primarja tqassmu.

58.3.3 Is-Sindku għarraf li kuntrattur ieħor beda jġib il-*cold mix* hu wkoll. Sa issa saret Triq Fortin Sant' Antnin. Fadal diversi zoni oħra għadom iridu jsiru imma x-xogħol kellu jieqaf minħabba xita.

58.3.4 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li bejn it-12 u s-17 ta' April ser jitla' grupp mill-Qala ġewwa Canale Monterano. Kull Kunsillier jista' jġib 5 persuni oħra miegħu. L-*air tickets* iridu jitħallsu min-nies li ser jattendu; imma tal-Kunsilliera ser jitħallsu mill-Kunsill

58.3.5 Is-Sindku qal li b'effett mill-1 ta' Jannar l-iskart beda jinġabar mir-reġjun. Saret kampanja ta' nformazzjoni mill-Kunsill li jidher li ħadmet.

58.3.6 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li ingħata permess mid-Dipartiment biex is-Sur Emanuel Agius ikun jista' jkompli jaħdem għal sena oħra.

58.3.7 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara li l-Kunsill għamel lis-Sur Ġużepp Cefai f'għeluq il-100 sena minn twelidu. Kien ġest sabiħ fejn sar qsim ta' esperjenzi minn stejjer tal-imgħoddi.

58.3.8 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-fanali ordnati waslu Malta u issa qed nistennewom jaslu l-Kunsill.

58.3.9 Is-Sindku qal li qed isir xogħol ta' tħejjija għall-attività tal-Karnival fil-Pjazza. Din ser issir fis-17 ta' Frar filgħaxija.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

58.3.10 Is-Sindku qal li ntbgħatu diversi emails biex jinbidel wire tal-*high tension* triq 28 ta' April. Intant qed isir xogħol preparatorju mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma fuq il-post.

58.3.11 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' ta' Żerniq bir-Roti li saret nhar il-15 ta' Jannar. Kienet inizjattiva tajba pero' xtaq ikun hemm aktar nies.

58.3.12 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq l-ixkaffar tal-librerija huwa lest u twaħħal. It-tubijiet tneħħew, u ħa jsiru strip lights u jsir desk ġdid. Il-Kunsilliera qablu li jinbidel dan id-desk. Qiegħdin jintalbu stimi għal *desk* ġdid.

58.3.13 Is-Sindku ppreżenta stimi għal fridge ġdida fil-*kitchenette* għall-valur ta' €650. Il-Kunsilliera qablu li jinġiebu stimi oħra. Il-Kunsilliera qablu li jinxtraw *microwave* u *dispenser* tal-ilma.

58.3.14 Is-Sindku ħabbar li ser issir attivita' ta' tindiv nhar it-28 ta' Jannar, u li għaliha kulħadd huwa mistieden.

58.3.15 Dwar is-suġġett tal-*farms* tat-tonn, is-Sindku Paul Buttigieg qal li bi qbil mal-Kunsilliera nħatru Dr Claire Bonello u Dr Alan Deidun biex dawn jirrappreżentaw lill-Kunsill tal-Qala. Is-seduta li kienet skedata għad-19 ta' Jannar ġiet posposta u sa issa ma ġejniex mogħtija data ġdida.

58.3.16 Is-Sindku qal li l-*bill of quantities* ta' Triq l-Indipendenza intbgħatet lil Ministeru għal Għawdex.

58.3.17 Dwar il-bozoz fi Triq Fortin Sant' Antnin, is-Sindku qal li dawn waslu imma jrid iwaħħalom il-Kuntrattur. Is-Sindku qal li kull meta jiltaqgħu is-Sindki ta' Għawdex flimkien, dawn kollha jgergru fuq id-dewmien mill-kuntrattur.

58.3.18 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-Mafkar tal-vittmi tal-gwerra ħa jibda dalwaqt. Bħala post ippropona li jsir fi-lġnien li hemm quddiem iċ-Ċentru Ċiviku, fejn fil-preżent hemm il-pompa tal-mutur tal-funtana. L-Kunsilliera qablu ma dan.

58.3.19 Is-Sindku qal li dwar il-każ ta' *Qala Creek*, l-iżviluppatur għamel appell fil-qorti. L-Avukat Dr Claire Bonello intavolat twegiba f'isem il-Kunsill u s-seduta għanda ssir fi Frar.

58.3.20 Is-Sindku qal li intbgħatu emails lil BCRS fwar ir-*Reverse Vending Machine* fil-Qala u sa issa għadna nistennew mingħandhom.

58.3.21 Is-Sindku qal li saret trinka fejn il-binja kbira li tiela f' Ta' Kassja. Is-Sindku mar post u ordna li l-gandott jingħalaq.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

58.3.22 Is-Sindku qal li l-Kunsill ta 5 rigali adattati lil Ministeru għal Għawdex fir-rigward ta' kampanja tal-Milied organizzata mill-Gvern biex jinġabru Rigali għal tfal inqas ixxurtjati.

58.3.23 Is-Sindku qal li rċievejna fliexken ta' l-ilma bħala *samples,* biex il-Kunsill jara bħal liema rridu li jitqassmu fid-djar. Hu stqarr li hu personali għandu bħal dawk, u li jagħmlu l-ilma. Il-Kunsilliera qablu li jkun aħjar immorru għal prodott ogħla imma li jkollu kwalita' aħjar.

58.3.24 Is-Sindku ressaq talba li saret mill-FITA biex ikunu jistgħu jużaw is-Sala tal-Kunsill għal kors tal-computer. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

58.3.25 Is-Sindku qal li jinħtiueġu bankijiet ġodda fuq il-Belvedere u fejn il-bust ta' Anton Buttigieg. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

58.3.26 Is-Sindku ressaq talba mingħand TriGozo fejn dawn qed jitolbu €350 biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill issir attivita' sportive ġewwa Hondoq. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

58.3.27 Is-Sindku qal li saritlu talba mingħand Din l-Art Helwa biex issir attivita' nhar it-12 ta' Marzu fit-Trunċiera. Persuna minn tagħhom se tkun qiegħda tagħmel *talk*, u talbu assistenza finanzjarja għal din l-attivita'. Taqblu? Il-Kunsilliera qablu li tingħata €150 lejn din l-attivita'.

58.3.28 Is-Sindku semma li kien hemm problema fiċ-ċentru Ċiviku fejn kien hemm ħsara f'pipe ta' ilma. Il-ħaddiema tal-Kunsill irranġaw il-pipe tal-ilma minn taħt is-sala tal-iskola u jidher li l-*leakage* waqaf. Dan billi l-*pipe* li kien jgħaddi minn taħt is-sala ġie eliminat u floku sar wieħed ġdid.

58.3.29 Is-Sindku għarraf lil Kunsilliera li l-*barriers* kollha, inkluż dawk li jitpoġġew madwar l-iskola inżebħu kollha. Ingħataw żewġ passati żebgħa u x-xogħol jidher li sar tajjeb.

## 58.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

58.4.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li belvedere żgħir li hem fi Triq Grunju jinsab fi stat diżastruż; u li jekk ħa noqgħodu nistennew ser idum wisq biex jitranġa. Staqsa tkunx ideja tajba li l-materjal meħtieġ jinstara mill-Kunsill, biex jiġi evitat dewmien. Is-Sindku qal li ħa jiltaqa mal-Kuntrattur ġdid u jitkellem miegħu dwar dan. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jibdel il-qsari, waqt li l-kuntrattur jieħu ħsieb il-pjanti ta ġo fihom.

58.4.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet fuq il-blokok tas-cement li tpoġġew fl-għelieqi fi triq il-Kunċizzjoni. Minkejja l-laqgħa mal-Ministru għadu ma sarx ix-xogħol.

Stqarret il-biża' tagħha li jekk it-triq ma ssirx issa, mhux se ssir żgur. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jibgħat email lil Ministeru għal Għawdex dwar dan, u fiha jsemmi wkoll Triq Wardija, Triq Papa Piju XII, u triq il-Mitħna.

58.4.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar il-petizzjoni għal bdil fir-rotot tal-bus. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ser tiċi ċċirkolata din il-ġimgħa.

58.4.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar l-istqarrija dwar l-iżvilupp propost f'Hondoq. Is-Sindku qal li ingħatajna parir mingħand Dr Bonello biex din toħroġf'perjodu li jkun qrib is-seduta.

58.4.5 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma kif il-perit kellu jagħti disinji ta' kif ser tiġi z-zona ta' fejn l-iskola. Hemm bżonn nimbuttawħ naqra. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li jekk hemm bżonn jaqbad u jagħmel imqarr iz-*zebra crossing*; għaliex għaddew 4 snin u għadna ma għamilna xejn.

58.4.6 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar seduta tal-EPRT. Ġie spjegat li din is-seduta hi marbuta mal-isvilupp li qed isir wara ta' Kassja.

58.4.7 Il-Kunsillier Karl Buttigie staqsa jekk il-Kunsill kellux tagħrif ġdid mingħand il-kumitat li jagħti isem lit-toroq dwar Triq dun Anton Sultana. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament dwar dan.

58.4.8 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar kif il-Kunsilli ingħataw €10 miljuni biex issir ħidma f'zoni ta' rikreazzjoin, u staqsiet jistax il-Kunsill nippruvaw Triq il-Barbaġan?

58.4.9 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet kif kellmuwha resident ta' Triq il-Wardija, għaliex hemm forklifter f'nofs it-triq fejn kienet il-latrina qabel. Il-Kunsill qabel li nitkellmu mal-pulizija dwar dan.

58.4.10 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li tixtieq torganizza book fair ġol-pjazza. Bħalissa għad ma għandiex dati f'idejha, imma biss kunċett li ressqet fil-kunsill għal *feedback*. Il-Kunsilliera jaqblu ma din l-idea. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ser titkellem mal-Arċipriet dwar din il-proposta; u staqsiet ikunx possibli li jintramaw it-tined tal-Kunsill għal din l-attivita. Il-Kunsill qabel ma dan.

58.4.11 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapporta li ntremiet struttura tal-ħadid int u sejjer lejn taċ-Ċawl. Is-Sindku qal li din se titneħħa.

58.4.12 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa hux ser isir logo tal-Kunsill fuq it-truck li għadu kemm inxtara. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li diġa saret ordni għal dan.

58.4.13 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar għandux informazzjoni l-Kunsill dwar meta ser issir il-ħidma fuq Triq 28 ta' April. Is-Sindku qal li sa issa ma għandna ebda ħjiel dwar



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

dan. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa wkoll hux se issir bankina fl-istess triq. Is-Sindku wieġeb li ser issir bankina, wiesa pied, fuq iż-żewġ naħat tat-triq; u fejn hemm il-wisa', terġa ssir l-istes wisa' kif qiegħda fil-preżent.

58.4.14 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li ma hemmx *reception* tas-sinjal tal-WIFI f'Hondoq. Il-Ministeru għal Għawdex informa li hemm ħsara f'antenna, u li suppost dax-xahar ser titwaħħal waħda ġdida.

58.4 15 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem dwar is-servizz tal-WIFI li hemm imwaħħal mal-Kappella tal-Blat. Hu kellem lil familja li tieħu ħsieb din il-Kappella imma ma jafux fejn hu mwaħħal l-apparat marbut ma dan is-servizz. Is-Sindku ser imur fuq il-post ma din il-famailja biex isibu din il-plakka.

58.4.16 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab biex jekk jista' jkun jitneħħa il-bamboo int u sejjer lejn Hondoq. Is-Sindku qal li l-ħaddiem jaqta kemm jilħaq (reach). Li jista' jsir inġibu cherry picker, nagħlqu t-triq u nkunu nistgħu nilħqu iżjed.

58.4.17 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li infurmawħ xi resident li saru sinjali sofor fit-triq fejn il-Kuinċizzjoni int u sejjer lejn Hondoq. Is-Sindku qal li ma jafx b'dan, imma ser ikun qiegħed jiċċekja.

58.4.18 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li saret tweġiba parlamentari dwar Reverse Vending Machines ġodda f'Għawdex imma li l-Qala ma ssemmietx. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni tal-emails li intbgħatu f'dan ir-rigward.

58.4.19 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ssuġġerixxa li malli niġu mgħarrfa d-data għal *hearing* tat-tuna farms, ninfurmalil Dr Deidun. Il-Kunsill qabel ma dan.

58.4.20 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai kien bagħat fit-18 Jannar fuq xogħol għaddej ġewwa għalqa tal-Marġa, u li dak inhar is-Sindku qal li kienet ser titwitta. Il-Viċi Sindku qal li ġiet sabiħa kif twittiet. Is-Sindku qal li għadu jrid jiġi romblu biex ix-xogħol isir aħjar. Is-Sindku qal li qabel dan isir irid jogħla ħajt tal-kantun li nbena mill-Ministeru għal Għawdex għax imkella jkun ta' periklu għal min jista' jipparkja hemm. Ser issir talba mal-Ministeru biex isir dan.

## 58.5 Attivitajiet tal-Milied 2022 - Evalwazzjoni

58.5.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa iżjed kmieni f'din il-laqgħa[1]

[1] Ara minuta numru 58.3.2



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 58.6 Aġġornament fuq Triq 28 ta' April

58.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ppreżenta kopja tar-rapport imħejji mill-bord ta' evalwazzjoni fir-rigward tat-tender ta' Triq 28 ta' April. Il-Kunsilliera qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni.

## 58.7 Aġġornament fuq EUISM, Ġemelleġġ Canale Monterano 2023 u Ġemellaġġ Salina 2023

58.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsilliera li ACE20 srl għaddewlna r-rapport finali tal-EUISM iżjed kmieni din il-ġimgħa. Dan ir-rapport ġie diskuss waqt il-laqgħa u l-Kunsilliera qablu miegħu.

58.7.2 Fir-rigward taż-żjara f'Canale Monterano: din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din l-istess laqgħa.[2]

58.7.3 Dwar iż-żjara ġewwa Salina, is-Sindku qal li din qed jieħu ħsiebha s-Sur Saviour Micallef. Il-Kunsilliera ser ikunu infurmati meta jkun hemm tagħrif ġdid dwar dan.

## 58.8 Attivitajiet tal-Karnival 2023

58.8.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa iżjed kmieni f'din il-laqgħa[3]

## 58.9 Aġġornament fuq il-fanali għaz-zona tal-Belvedere u inħawi oħra.

58.9.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa iżjed kmieni f'din il-laqgħa[4]

## 58.10 Materji Amministrattivi

58.10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal laqgħa numru 57, fejn issemma li l-grawnd tal-futbol kien se jibda jinkera' lil organizzazjonijiet terzi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ssuġġerixxa li l-kuntratt tal-kera lil club tal-football jitgħadda lil

[2] Ara minuta numru 58.3.4
[3] Ara minuta numru 58.3.9
[4] Ara minuta numru 58.3.8



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Avukat biex naraw hemmx lok li l-istess kuntratt jiġi emendat biex jirrifletti dan iċ-*change of scope*. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

58.10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippropona li l-Kunsill ifittex *hand quotations* għal *electric bike* biex tintuża mill-pulizija tal-komunità, peress li dan bħalissa qed jagħmel ir-rondi jew bil-mixi imkella b'vettura private tiegħu. Il-Kunsilliera qablu ma dan. Il-Kunsilliera osservaw li r-rata ta' kriminalità qiegħda tiżdied u talbu li l-Kunsill jagħmel talba biex il-pulizija tal-komunità jkun preżenti fil-Qala kull jum.

58.10.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma li l-ħaddiema tal-Kunsill qiegħdin jagħmlu użu minn vetturi private tagħhom għal finijiet ta' xogħol. Il-Kunsilliera qablu li dawn il-ħaddiema jingħataw rifużjoni għal dawn l-ispejjeż; imma li qabel jiġi ċċekjat mad-Dipartiment jekk il- *"PSMC Manual on Transport and Travel Policies and Procedures"* huwiex applikabbli għal ħaddiema tal-Kunsill.

58.10.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li jinħareġ tender għal *street sweeping.* Il-Kunsilliera qablu ma dan.

58.10.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet (RFQ) għas-servizz ta' *Locality Assistant.* Il-Kunsilliera qablu ma dan.

58.10.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma li fuq skeda numru 11 (2022) kien hemm imniżżel pagament lil ACE20 srl ta' €3,641. Fil-fatt l-ammont dovut kien ta' €7,282. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

58.10.7 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li hemm talba mis-Sur Marlon Buttigieg biex Sqaq fi Triq Wied Simar jingħata numru. Il-Kunsilliera qablu ma dan. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet jistax isir l-istess għall-isqaqien fi Triq il-Wardija? Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill diġa applika għalihom.

58.10.8 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv osserva li n-numru ta' *collaboration agreements* fis-sena 2022 kien ferm akbar minn dawk tas-sena 2021; u ta' parir lil Kunsilliera biex minn din is-sena, tiżdied it-trasparenza f'dawn *collaboration agreements.* Bħala eżempju semma kif għal kull kollaborazzjoni jista' ikun iffirmat ftiehim li fih jitniżżel drittijiet u obbligi taż-żewġ partijiet. Segwiet diskussjoni dwar dan, issemma li s-sena 2022 kienet partikolari għaliex li ma setgħux isiru numru ta' attivitajiet minħabba restrizzjonijiet maħruġa minn awtoritajiet tas-saħħa. Il-Kunsilliera qablu li ma jistax il-vit jibqa miftuħ imma tajjeb nkunu aktar ċari mal-għaqdiet fuq dan.

## 58.9 Korrispondenzi



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

58.9.1 Ittra mingħand il-Bank of Valletta tgħarraf li kontijiet li jkunu *dormant* ser jibdew jiġu applikati *fees* bejn €10 u €30. Il-Kunsill għandu numru ta' kontijiet mal-BOV li kienu jintużaw għal proġetti/miżuri finanzjati mill-UE. Il-Kunsilliera qablu li jekk jista' jkun nippruvaw nagħlqu dawn il-kontijiet.

58.9.2 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Unaudited Financial Statements tas-sena 2022. Id-Dipartiment qed jitlob li dan ir-rendikont jasal għandhom sal-aħħar ta' Frar. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li dan id-deadline mhuwiex ser jintlaħaq biex dan isir irid ikun ġie konkluż l-audit tas-sena 2021 u dan mhux ser jilħaq jingħalaq sa dak iż-żmien. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jitkellem mad-Dipartiment f'dan ir-rigward.

59.3.3 Ittra mingħand A&M Printing dwar kont pendenti.

59.3.3.1 Is-Sindku Paul Buttigieg ħareġ mill-laqgħa waqt li kienet qiegħda tiġi diskussa din il-materja.

59.3.3.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament fuq dan is-suġġett lill-Kunsilliera. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li l-Kunsilliera kollha kienu jafu min ser jistampa r-rivista għax kienu huma stess li bagħtu l-materjal lil A&M Printing. Il-Kunsill kien ilu jipprova jieħu parir dwar dan imma d-direzzjoni li waslitna ma kienitx konklussiva. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai, il-Kunsillier Karl Buttigieg, il-Kunsillier Joseph Buttigieg, u l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qablu li jkun aħjar jekk dan il-kont jitħallas. Ix-xogħol sar, il-kwalita' kienet tajba u l-prezz tajjeb.

59.3.3.3 Wara li din il-materja ġiet deċiża s-Sindku ntalab jerġa' jidħol għall-laqgħa.

## 58.10 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

58.11.1 Ġew mgħoddija l-iskedi tal-pagamenti numru 01/2023. Il-Kunsilliera approvaw unanimament din l-iskeda.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 58.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

58.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-6:30pm. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar 2023, fl-4:30pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv w



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt